

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2018 – Bruel vs Il-Kummissjoni et(Kawża T-793/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament u għal kumpens — Att adottat mill-kap tat-taqsimat tad-delegazzjoni tal-Unjoni fl-Alġerija fil-kuntest ta' kuntratt pubbliku ta' provvista ta' servizzi — Deċiżjoni li titlob is-sostituzzjoni tar-rikorrent bħala espert — Xoljiment tal-ftehim bejn il-kumpannija rebbieħa u r-rikorrent insegwitu għal din id-deċiżjoni — Assenza ta' kwalità tal-konvenut — Att li ma jistax jiġi appellat — Assenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Rabta kawżali — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)

(2019/C 44/87)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Damien Bruel (Pariġi, Franza) (rappreżentant: H. Hansen, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: A. Aresu, aġent), Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spac, aġenti), Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Alġerija

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-25 ta' Settembru 2017 li titlob għas-sostituzzjoni tar-rikorrent bħala espert fil-kuntest ta' ftehim ta' provvista ta' servizzi konkluż bejn il-kumpannija rebbieħa u r-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrent insegwitu għal din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Damien Bruel huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 52, 12.2.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2018 – Intercontact Budapest vs CdT(Kawża T-809/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Klassifikazzjoni ta' offerent fil-proċedura f'kaskata — Terminu ta' rikors — Tardività — Inammissibbiltà”)

(2019/C 44/88)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: Intercontact Budapest Fordító és Pénzügyi Tanácsadó Kft. (Intercontact Budapest Kft.) (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: É. Subasicz, avukat)

Konvenut: Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Garnier u G. Bukodi, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-10 ta' Lulju 2017 miċ-CdT, li tikklassifika lir-rikorrenti, rispettivament, fit-tieni u t-tielet pożizzjoni tal-klassifikazzjoni ta' offerenti magħżula għall-konklużjoni ta' kuntratti-qafas multipli fi tmiem proċeduri tal-kuntratt pubbliku FL/GEN 16-01 u FL/GEN 16-02.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 72, 26.2.2018

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Diċembru 2018 – Classic Media vs EUIPO – Pirelli Tyre (CLASSIC DRIVER)

(Kawża T-811/17) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali CLASSIC DRIVER — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti DRIVER — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 — Rikors manifestament nieqes minn kull bażi legali”)

(2019/C 44/89)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Classic Media AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentant: A. Masberg, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Fischer u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Pirelli Tyre SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: T. M. Müller u F. Togo, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Ottubru 2017 (Każ R 59/2017-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Pirelli Tyre u Classic Media.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Classic Media AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 52, 12.2.2018.